

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-4 ta' April 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Köln — il-Ġermanja) — Germanwings GmbH vs Wolfgang Pauels

(Kawża C-501/17) ⁽¹⁾

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bl-ajru — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Artikolu 5(3) — Kumpens lill-passiġġieri fil-każ ta' rifjut ta' imbark u ta' tħassir jew ta' dewmien twil ta' titjira — Portata — Eżenzjoni mill-obbligu ta' kumpens — Kunċett ta' “ċirkustanzi straordinarji” — Ħsara f'tajjer ta' ajruplan minħabba oġġett estern fuq il-pista tat-tlugħ ta' ajrupport)

(2019/C 206/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Germanwings GmbH

Konvenut: Wolfgang Pauels

Dispożittiv

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallew x-jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, moqrif fid-dawl tal-premessa 14 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħsara f'tajjer ta' ajruplan minħabba oġġett estern, bħal residwi mobbli, fuq il-pista ta' ajrupport taqa' taħt il-kunċett ta' “ċirkustanza straordinarja”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Madankollu, sabiex jeżonera ruħu mill-obbligu tiegħu ta' kumpens lill-passiġġieri previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004, it-trasportatur tal-ajru li t-titjira tiegħu tkun ġarrbet dewmien twil minħabba tali “ċirkustanza straordinarja” għandu juri li huwa implimenta l-mezzi kollha f'termini ta' persunal jew ta' materjal u l-mezzi finanzjarji li huwa kellu, sabiex jiġi evitat li s-sostituzzjoni tat-tajjer bil-ħsara minħabba oġġett estern, bħal residwi mobbli, fuq il-pista ta' ajrupport ma twassalx għall-imsemmi dewmien tat-titjira kkonċernata.

⁽¹⁾ ĠU C 392, 20.11.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-4 ta' April 2019 — OZ vs Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

(Kawża C-558/17 P) ⁽¹⁾

(Appell — Servizz pubbliku — Persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) — Fastidju sesswali — Investigazzjoni mwettqa fil-kuntest tal-programm “Dignity at work” — Ċaħda ta' lment minħabba fastidju — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-President tal-BEI li tiċħad l-ilment — Kumpens għad-dannu)

(2019/C 206/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: OZ (rappreżentant: B. Maréchal, avocat)